MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 1477/2001/1

**Xanthippe Shipping Limited**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta` rikorrenti li jghid hekk:

"Illi l-Kontrollur tad-Dwana istitwixxa proceduri a tenur ta' l-Artikolu 466 kontra r-rikorrent u dan permezz ta' l-ittra ufficjali annessa (document A).

"Illi l-Kontrollur tad-Dwana qieghed jitlob minghand ir-rikorrent is-somma ta' tmintax-il elf mija u hmistax-il lira Maltin li hu jippretendi huma dovuti bhala VAT fuq il-yacht Xanthippe ex Alexandre B.

"Illi t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana hi kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u ma hi dovuta mir-rikorrent lill-intimat Kontrollur tad-Dwana ebda somma bhal dik premessa.

"Illi l-Yacht Xanthippe ex Alexandre B qatt, fil-fatt ma gietx importata Malta ghall-finijiet tal-ligi u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigh tar-rikors.

"Illi ma hi dovuta l-ebda ammont ta' VAT lill-Kontrollur tad-Dwana.

"Ghaldaqstant filwaqt li jirriserva li jressaq ragunijiet ohra u filwaqt li jirriserva li jaghmel dawk is-sottomissjonijiet kollha li l-kaz tieghu jinnecessita` jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana ghall-hlas ta' VAT kif premess bhala infondata."

Rat ir-risposta pprezentata mill-Kontrollur tad-Dwana li in forza taghha eccepixxa illi:
"Illi preliminarjament ir-rikors promutur huwa tardiv u ghalhekk illum l-esponent ghandu titolu ezekuttiv kontra s-socjeta` rikorrenti stante li r-rikors kien ipprezentat lil hinn mit-terminu prefiss fl-Artikolu 466 et seq. tal-Kap. 12.

"Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont imsemmi huwa dovut mis-socjeta` rikorrenti lill-esponent ai termini tal-ligijiet tad-Dwana u tat-taxxa fuq il-valur mizjud, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 et seq. tal-Kap. 377 u l-Artikolu 4 et seq tal-Kap. 406, stante li hawn si tratta ta' importazzjoni ta' oggett minn persuna Maltija, u cioe` importazzjoni ta' yacht minn kumpanija registrata Malta u li s-*shareholders* taghha huma persuni Maltin, jew kumpaniji registrati Malta, liema importazzjoni mhix wahda minn dawk ezentati b'xi wahda mil-ligijiet hawn fuq

imsemmija, u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

"Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha li hi minn issa ingunta ghas-subizzjoni taghha.

"Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Mejju 2005, li in forza taghha wara li ddikjarat li l-azzjoni attrici tressqet wara li kien ghadda z-zmien li fih messha nbdiet, cahdet it-talbiet tal-kumpanija rikorrenti;

Dik il-Qorti tat id-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi din hija azzjoni mibdija skond l-artikolu 466(2) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-kumpannija rikorrenti trid tikkontesta talba għall-ħlas magħmula lilha mill-intimat b'ittra uffiċjali tat-30 ta' Lulju, 2001;

"Illi l-intimat laqa' billi qal lil-kumpannija rikorrenti naqset li tressaq din l-azzjoni fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika tal-imsemmi att ġudizzjarju, kif irid l-artikolu 466;

"Illi din id-deċiżjoni qegħda tingħata dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

"Illi mill-provi mressqa jirriżulta li l-imsemmija ittra uffiċjali nħarġet fit-30 ta' Lulju, 2001[1]. Il-mittenti indikata kienet il-kumpannija rikorrenti f'din il-kawża. L-indirizz mogħti kien fil-fond "San Anton", Wardija Hill, Wardija SPB08. L-att ġudizzjarju twassal permezz tas-servizz postali fis-sura ta' pakkett reġistrat[2], u mhux bis-servizzi ta' uffiċjali tal-Qorti[3]. L-imsemmi indirizz huwa l-indirizz reġistrat tal-kumpannija rikorrenti[4]. L-att ġudizzjarju ġie milqugħ fit-2 ta' Awissu,

[1] Paġ. 2 tal-proċess
[2] Xhieda ta' Francis X. Debono 24.4.2003, f'paġ. 46 tal-proċess
[3] Xhieda ta' Julian Caruana 24.4.2003, f'paġ. 33 tal-proċess
[4] Xhieda ta' Dr Patrick Spiteri 24.4.2003, f'paġ. 39 tal-proċess

2001[5], u ffirmat għaliha ċerta "T. Xuereb"[6]. Dan l-isem jirriżulta li huwa ta' mara impjegata bħala domestika fid-dar fejn saret in-notifika[7]. F'dak il-jum u sas-17 ta' Awissu, 2001, is-sid residenti tal-imsemmija dar, l-Avukat Patrick Spiteri, kien imsiefer[8]. Is-sid l-oħra, Silvana Spiteri mart l-imsemmi avukat, ma jirriżultax li kienet imsiefra. L-avukat u s-sinjura Spiteri huma d-diretturi waħdiena tal-kumpannija rikorrenti[9]. Ir-rikors tressaq fit-23 ta' Awissu, 2001;

"Illi l-Qorti tagħraf li l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u> marbutin mal-kwestjoni u li joħorġu mill-argumenti mressqin mill-partijiet waqt is-smigħ tal-kawża jduru, fl-ewwel lok, mas-siwi tan-notifika tal-att ġudizzjarju. Fit-tieni lok, mal-fatt li l-ittra uffiċjali ma ssemmix li l-azzjoni biex tikkontesta dak li huwa mitlub trid tinbeda fi żmien għoxrin jum;

"Illi għar-rigward tal-ewwel aspett, il-kumpannija rikorrenti tisħaq ħafna fuq il-fatt li l-ittra uffiċjali ma ġietx notifikata sewwa lilha. Hija tgħid li Theresa Xuereb la hija direttur tal-kumpannija u lanqas impjegata tagħha. L-avukat Spiteri żied jixhed ukoll li hu kien jagħti struzzjonijiet speċifiċi lill-persuni li jaħdmu fid-dar tiegħu biex ma jilqgħux u ma jiffirmawx għal korrispondenza (reġistrata) li tkun mibgħuta f'ismu. Min-naħa tiegħu, l-intimat jgħid li l-ittra uffiċjali kienet notifikata kif trid il-liġi u ż-żmien biex titressaq din l-azzjoni beda għaddej regolarment minn dak inhar li ntlaqgħet il-kopja tal-imsemmi att ġudizzjarju;

"Illi l-proċedura ta' notifika ta' atti ġudizzjarji ta' korp li jkollu personalita' ġuridika distinta hija mfissra fl-artikolu 187(4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. F'dak il-każ, biex notifika jitqies li saret sewwa, jeħtieġ jintwera li **jew** (a) tħalliet kopja tal-att fl-uffiċċju reġistrat, fl-uffiċċju ewlieni, jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali, **f'idejn** persuna li jkollha r-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp, jew segretarju tal-kumpannija, jew persuna oħra awtorizzata bil-miktub; **jew** (b) f'idejn xiħadd mill-

[5] Riferta f'paġ. 29 tal-proċess
[6] Biljett ir-roża, f'paġ. 30 tal-proċess
[7] Xhieda ta' Dr Patrick Spiteri 24.4.2003, f'paġ. 37 tal-proċess
[8] *Ibid.* paġ. 36
[9] *Ibid.*, paġ. 35

imsemmija persuni, imma billi titħalla **f'idejn** membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' persuna bħal dik jew ta' prokuratur tagħha, jew f'idejn persuna awtorizzata minn persuna bħal dik biex tirċievi l-posta tagħha, fil-post fejn dik il-persuna tkun toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tagħha;

"Illi huwa minnu li l-avukat Spiteri jgħid li kien ta struzzjonijiet lill-persuni mpjegati bħala domestiċi tad-dar tiegħu biex ma jilqgħux ittri mibgħuta f'ismu. Jirriżulta wkoll li l-ebda wieħed mill-imsemmija domestiċi ma kellhom awtorizzazzjoni bil-miktub min-naħa tal-kumpannija rikorrenti biex jilqgħu atti ġudizzjarji f'isimha. Imma l-Qorti ssib li ladarba l-liġi trid li n-notifika ta' persuna li għandha r-rappreżentanza ta' kumpannija kif imsemmi fl-artikolu 181A(2) tal-Kodiċi tista' ssir ukoll fid-dar fejn toqgħod tali persuna, u li f'każ bħal dak, in-notifika tista' ssir lil kull membru tal-familja **jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna**, allura f'dak il-każ, il-kwestjoni tal-awtorizzazzjoni ma tidħolx. Fi kliem ieħor, ladarba l-ittra uffiċjali ntbagħtet fl-indirizz postali u wkoll fid-dar fejn jgħammru d-diretturi tal-kumpannija rikorrenti (li huwa wkoll l-indirizz reġistrat tal-istess kumpannija), u l-fatt li l-att ġudizzjarju ntlaqa' minn persuna fis-servizz tagħhom, dan ifisser li n-notifika saret kif imiss għall-finijiet tal-artikolu 187(4)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

"Illi dwar it-tieni kwestjoni, jibda biex jingħad li ż-żmien ta' għoxrin jum imsemmi fl-artikolu 466(2) tal-Kodiċi huwa żmien legali li, min-natura tiegħu, huwa żmien perentorju li ma jistax jiġi mtawwal jew interrott b'xi att ġudizzjarju ieħor[10]. Billi dak it-terminu jiddependi minn att (ġudizzjarju) li għandu jkun notifikat, dak iż-żmien jibda għaddej minn dak inhar li l-att jiġi hekk notifikat[11]. Huwa biss jekk it-terminu jagħlaq f'jum li jkun btala pubblika, jew f'jum meta r-Reġistru tal-Qorti jkun magħluq, li jitqies li ż-żmien legali kien jagħlaq fl-ewwel jum (tax-xogħol) minnufih wara[12];

---

[10] Art. 106 tal-Kap 12; u ara App. Ċiv. **6.7.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone noe vs Mousu' pro et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.244**)
[11] Art. 101 tal-Kap 12
[12] Art. 108 tal-Kap 12

"Illi fil-każ preżenti, meta wieħed iħaddem ir-regoli hawn imsemmija, ikollu jasal għall-fehma li l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat hija mistħoqqa. Dan għaliex jirriżulta fil-fatt li r-rikors tal-lum ma tressaqx fi żmien għoxrin jum minn meta saret in-notifika tal-ittra uffiċjali. Tressaq jum tard. Iż-żmien utli li fih seta' tressaq ir-Rikors ma kienx jagħlaq f'jum meta r-Reġistru jkun magħluq. Lanqas ma jiswa li l-persuna li laqgħet l-att ma sartitx taf bl-att ħlief sa numru ta' jiem wara, minħabba li għamlet xi jiem imsiefra;

"Illi, fil-każ preżenti, l-Qorti ma tistax toqgħod fuq dak illi tgħid is-sentenza[13] ċitata mill-kumpannija rikorrenti dwar il-fatt li l-ittra uffiċjali mibgħuta lilha tonqos li ssemmi ż-żmien tal-għoxrin jum li fih kellu jitressaq ir-rikors. Dan jingħad għaliex, fl-ewwel lok, ir-rappreżentant tal-kumpannija rikorrenti xehed li hekk kif sar jaf bl-ittra uffiċjali, għaddiha minnufih lill-avukat tal-kumpannija biex jipproċedi ħalli jikkontestata. Fit-tieni lok, l-istess rappreżentant tal-kumpannija rikorrenti huwa avukat u żgur ma kellux għalfejn jiġi mgħarraf x'tgħid il-liġi fir-rigward. Fit-tielet lok, il-Qorti tqis li dawk li huma rekwiżiti li għandhom jidhru f'att ġudizzjarju li jirrigwarda ħlas ta' krediti tal-Gvern, huma mfissra fl-artikolu 466(1). It-tismija taż-żmien imsemmi fl-artikolu 466(2) m'hijiex waħda minnhom. Kemm hu hekk, l-għan tal-ittra uffiċjali jidher li hu dak li miegħu tiġi mehmuża d-dikjarazzjoni maħlufa tal-kap tad-dipartiment li jkun (għaliex, fi kliem il-liġi, hija dik id-dikjarazzjoni, u mhux l-att ġudizzjarju li tintbagħat miegħu, li "jkollha l-istess effett daqslikieku kienet ġudikat") biex b'hekk ikun aċċertat b'mod uffiċjali li tali dikjarazzjoni ġiet tassew notifikata lill-intimat debitur."

Rat ir-rikors ta' l-appellipprezentat mis-socjeta` rikorrenti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tibghat il-process lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex jinstemghu l-provi dwar il-meritu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat;

[13] P.A. GCD **14.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Big Ben Ltd. vs Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet*** (sentenza *in parte*)

Rat ir-risposta ta' l-intimat li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab il-konferma tas-sentenza appellata u c-cahda tat-talbiet rikorrent appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza konsegwenza ta' ittra ufficjali mibghuta mill-intimat lis-socjeta` rikorrenti ai termini ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ittra ufficjali inharget fit-30 ta' Lulju 2001, u giet notifikata lis-socjeta` rikorrenti fit-2 ta' Awissu, 2001. F'kaz ta' kontestazzjoni ghat-talba ghal-hlas kontenuta fl-ittra ufficjali, il-procedura opportuna trid tkun mressqa fi zmien 20 jum min-notifika. F'dan il-kaz, ir-rikors tressaq fit-23 ta' Awissu 2001, u l-intimat eccepixxa *in linea* preliminari li r-rikors gie pprezentat tardivament.

Is-socjeta` rikorrenti tikkontesta n-notifika ta' l-ittra ufficjali, peress li n-notifika saret fir-residenza tad-diretturi tal-kumpanija (il-konjugi Spiteri, li huma l-unici diretturi tal-kumpanija rikorrenti) f'idejn persuna impjegata bhala domestika fid-dar fejn saret in-notifika.

Is-socjeta` rikorrenti tilmenta wkoll mis-siwi tan-notifika u mill-fatt li l-ittra ufficjali ma ssemmix li l-azzjoni biex tikkontesta dak li huwa mitlub trid tinbeda fi zmien ghoxrin jum.

L-ewwel Qorti kienet cahdet dawn iz-zewg lanjanzi tas-socjeta` rikorrenti, li da parti taghha, appellat ghal quddiem dil-Qorti fejn regghet tenniet iz-zewg ilmenti taghha.

Il-kwistjoni tan-notifika ta' att gudizzjarju li ghandha ssir lill-kumpanija hi ben definita fil-ligi, partikolarment il-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond din il-ligi, fil-kaz ta' korp li jkollu personalita` guridika distinta, in-notifika lil dak il-korp

ghandha ssir billi tithalla kopja ta' l-iskrittura (Artikolu 187(4)(b)) f'idejn persuna jew persuni li jkollhom ir-rapprezentanza guridika ta' dak il-korp jew segretarju tal-kumpanija jew persuna ohra li tkun awtorizzata bil-mitkub minn dak il-korp sabiex tipprezenta atti gudizzjarji f'ismu (Artikolu 181A(2)), u dan bil-mod indikat fl-Artikolu 187(1), u cioe` billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha.

Issa, f'dan il-kaz, l-ittra ufficjali thalliet f'idejn id-diretturi tal-kumpanija rikorrenti billi thalliet kopja taghha fil-lok fejn joqoghdu f'idejn wahda fis-servizz taghhom.  In-notifika, allura, saret fit-termini tal-ligi u ghandha titqies valida. Jirrizulta li dan ir-rikors gie pprezentat jum tard u ghandu jitqies irritwali.
Il-fatt li fl-ittra ufficjali ma giex indikat li min ried jikkontesta t-talba kellu jaghmel dan fi zmien 20 gurnata min-notifika, ma jgibx ghan-nullita` ta' l-istess ittra ufficali, peress li l-ligi ma tirrikjedix tali informazzjoni.  Fejn il-ligi riedet tinsisti fuq tali htiega, ghamlet hekk espressament (per ezempju, ghal kaz ta' rikors guramentat), izda fejn il-ligi ma tipprovdix tali rekwizit, mhux lecitu ghall-Qorti li zzid kondizzjoni ghall-validita` ta' l-att.  Dan apparti konsiderazzjonijiet ohra li rrilevat l-ewwel Qorti li jwasslu lil din il-Qorti tikkondividi d-decizjoni ta' l-ewwel Qroti li l-ittra ufficjali in kwistjoni kienet wahda valida kif trid il-ligi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` rikorrenti billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

L-ispejjez kollha jithallsu mill-kumpanija rikorrenti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------